**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħamsa (8)**

**25 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-20.05 ta' filgħaxija. Dan minħabba li bejn il-17.30 u t-20.05 l-Kunsill laqa' lill-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Isqof Anton Teuma, kif ukoll lil-Għaqda tal-Briju li magħhom nżammu l-laqgħat informali rispettivi.

**PREŻENTI:**

**Victor John Curmi- Sindku**

**Aaron Agius- Viċi Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**8.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**8.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-membri kollha kienu preżenti.

**8.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 6 u 7 u Skeda ta' Pagamenti.**

Il-minuti tal-Laqgħa Urġenti Nru 7 inqraw lill-membri tal-Kunsill. Dawn ġew approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali. Minħabba li l-minuti nru 6 ma laħħqux intbgħatu lill-membri minn qabel, kien hemm qbil li l-minuti Nru 6 jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss. L-Iskeda ta' pagamenti Nru 8 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

**8.4 Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku f'ismu u f'isem il-Kunsill kollu ta' merħba lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida Sa. Heidi Grech u rringrazzjha talli aċċettat il-kariga biex tgħin lill-lokalita' tax-Xagħra. Is-Sa. Grech irringrazzjathom ta' din il-merħba.

**8.5 Rapport mill-bord tal-għażla dwar il-Vakanza ta' Skrivan;**

Ġie ppreżentat ir-rapport tal-bord tal-għażla. Dan ġie approvat unanimament u għalhekk il-Kunsill se jkun qed imexxi bil-proċess għall-ingaġġ tas-Sinjur Triston Ċini.

**8.6 Belveder tal-Qortin;**

Is-Sindku ssuġġerrixxa li minflok il-BCRS, Smart depots u bring in-sites jsir Belveder. Dawn ikunu jridu jiġu rilokati għal post ieħor. Din il-possibilta' ġiet diskussa kif ukoll ssemmew diveri postijiet alternattivi, s-sitwazzjoni tal-ismart bins u l-complaints mill-ġirien minħabba l-istorbju tal-magna tal-BCRS. Issemma ukoll il-bżonn li jsiru l-verifiki li l-art hija pubblika. Ġie deċiż li :

- Jsiru l-verfiki mal-Lands dwar l-art fiż-żona tal-Qortin kif ukoll iż-żona tat-Tafla. Dan sabiex jiġi vverifikat jekk tistax issir xi ħaġa fuqha.

- Jiġi ffinalizzat il-kuntratt tal-Ismart bins (MOU).

Is-suġġeriment ta' rilokazzjoni għandha terġa tiġi diskussa aktar il-quddiem.

**8.7 Dwal tal-Milied**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ma rċieva l-ebda offerta u minħabba li żmien daħal sew, ma hemmx żmien biex terġa tinħareġ sejħa ġdida. Ppruvajna niġbru kwotazzjoni pero' l-ebda kuntrattur ma seta jaqdina. L-uniku kuntrattur li

jista joffrilna d-dwal huwa Malti u konna qed nippruvaw li jintramaw mill-Għaqda tal-armar, pero' sibna problema ta' Insurance. Sar kuntatt mall-Kuntrattur waqt il-laqgħa stess u ntlaħaq qbil li jitwaħħlu wkoll mill-Kuntrattur dirett.

- Kien hemm qbil li mmexxu mal-Kuntrattur Malti u għal sena oħra, s-sejħa għall-offerti tinħareġ minn Ġunju.

**8.8 Attivitajiet tal-Milied u San Valentinu**

Is-Sindku semma li se jsir il-Kunċert tal-Milied bil-parteċipazzjoni tal-Kor Voċi Angeliche li se jittella l-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru 2024. Qed jieħdu ħsieb il-preparamenti tiegħu mill-Kor Voċi Angeliche. Se jintbgħatu l-inviti uffiċċjali mill-Kunsill.

Ġew diskussi wkoll il-preparamenti għal Christmas Market li ser jittella fl-14 u fil-15 ta' Diċembru 2024. Ġie diskuss l-importanza li l-Kunsill kollu jkun involut fil-preparamenti u fil-laqgħat kollha li jinżammu b'referenza ma kull attivita' organizzata mill-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li l-membri kollha jimxu ma dan.

Is-Seg.Eżekuttiv infurmat lill-membri li

- inkitbu numru sabiħ ta' tfal għas-sezzjoni tal-*Cookie decorating* u l-postijiet kważi ntela.
- Il-Minuti se jkunu konċizi li jindikaw id-deċizzjonijiet li ttieħdu.
- Wara li l-Kunsill ikun qabel li jsiru xogħolijiet, is-Seg. Eżekuttiv se tmexxi bil-proċess ta' akkwist kif jistipulaw ir-regolamenti finanzjarji biex tasal għal riżultati mixtieqa. Dan sabiex ix-xogħol ma jeħilx. Kien hemm qbil unanimu ma dan.
- L-iskema għall-fondi ta' San Valentinu għalqet fl-10ta' Novembru u l-Kunsill ma laħaqx issottometta l-applikazzjoni tiegħu. Minkejja dan, ġiet sottomessa applikazzjoni wara d-data tal-għeluq biex nkunu ppruvajna. Kien hemm qbil li jekk ma ningħatawx fondi, xorta għandha ssir attivita' zgħira b'fondi minimi.

Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal iskema biex jingħata fondi għal-attivita' tal-Karnival 2025.(SPI/SCI/08/2024)

*20.32 - Il-Viċi Sindku, Aaron Agius talab li jiġi skużat mil-laqgħa, u ħareġ mill-kamra.*

## 8.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

Mill-Kunsilliera Francienne Muscat:

- Bżonn li jinbidlu dwal – Bring in Sites, Pjazza Vitorja, Floodlights tal-Knisja. Il-problema tad-dwal inġenerali ġiet diskussa. Kien hemm qbil li nqabbdu kuntrattur privat u jsir li hemm bżonn sabiex il-problema tad-dwal titranġa.

- Bżonn li titranġa triq tal-Pergola. Is-Sindku informa li din it-triq ġiet applikat mal-MGOZ bħala waħda mir-rural roads.

- Bżonn li titranġa Sqaq ta' Nenus – kien hemm qbil li ssir talba lil MGP, kif ukoll jsiru l-verifiki mill-Perit tal-Kunsill dwar jekk dan is-sqaq huwiex privat jew le.

- Staqsiet hemmx żviluppi dwar it-Traffic Management li kellu jsir dwar Triq Marsalforn, tal-biċċa d-dejqa. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota sabiex tistaqsi għal update dwar dan lill-Perit tal-Kunsill.

- Tinkines Triq Karkar, isiru wkoll n-No parking signs biex triq tkun tista tinkines aħjar. Hemm xi ħofor biex isir patching. Kien hemm qbil sabiex isir il-patching.

- Saru żewġ PQ's f'Ottubru u f'Novembru dwar Triq Karkar u Triq Stellini u t-tweġiba kienet li ser jitkompla x-xogħol fil-ġranet li ġejjin. Issuġġeriet li tajjeb li jintalab update mill-MGP. Ġie diskuss li bħalissa għaddej xi xogħol fi Triq Stellini pero' kien hemm qbil li għandha tintbgħat imejl lid-DG, MGP dwar ix-xogħolijiet ta' dawn iż-żewġ toroq.

- Staqsiet jekk kienx hemm update dwar ir-rinovar ta' Għar Calypso fejn kellu jsir Heritage Park . Ser tintbgħat imejl lid-Direttur Ġenerali, s-Sa Vicky Xuereb dwar dan.

- Fakkret li kienet saret it-talba lil TM sabiex jiġi identifikat post biex issir Zebra Crossing fi Triq 8ta' Settembru, preferibillment bil-*push button pedestrian crossing lights*. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-Perit u ma TM dwar din it-talba, sabiex il-proċess jimxi malajr minħabba sewqan eċċessiv.

- Fakkret li l-Kunsill kien irċieva kwotazzjonijiet mingħand individwi li xtaqu joffru art sessions u sport classes. Kien hemm qbil li l-għalliema kollha jitħallsu bl-istess rata u l-applikanti jħallsu miżata zgħira biex jinkoraġixxu l-parteċipazzjoni. Kien hemm qbil ma dan, pero jrid jinstab il-post li nistgħu nużaw u se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Se naraw li tal-fitness jibdew minn Jannar.

**Mill-Kunsillier Kevin Cutajar**

- Ħadem sabiex twaqqaf sub-committee għal nies b'diżabilita', bi grupp ta' seba' persuni li se jiltaqgħu biex jiddiskutu issues ta' nies b'diżabilita'. Issuġġerixxa li jekk hemm qbil jibda jiltaqgħa minn Jannar, jressqu 5 sa 10 oġġettivi li jekk jista dan il-kunsill iwettaqhom. Kien hemm qbil dwar dan.,

- Semma li bħala Kunsill jixtieq li ninkludu aktar lill-barranin, billi jsiru aktar attivitajiet soċjali speċifikament għalihom u ninfurmawhom b'mail shots jew permezz tal-midja soċjali. Dan biex nibdew naħdmu fuq żieda ta' kuntatt ma dawn ir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan.

- L-punti li ġew diskussi mal-pulizija ġew ċirkolati permess ma imejl. Ġie suġġeriet li l-laqgħa dwar is-sigurta' tinżamm fit-22 jew 29 ta' Jannar. Jekk din tkun suċċess ssuġġerixxa li ssir oħra dwar *cyber security*. Kien hemm qbil li ssir kollaborazzjoni mas-Seg. Eżekuttiv dwar id-data.

- Semma l-importanza li niktbu lil Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lis-Superintendent dwar il-fatt li wara Diċembru hemm possibilita' li nispiċċaw mingħajr pulizija. Kien hemm qbil dwar dan.

- Fl-14ta' Diċembru, s-Sibt filgħodu, se ssir is-sezzjoni tan-*neighbour hood watch* fl-uffiċċju tal-Kunsill u għalhekk fakkar sabiex min jista jattendi.

- Ressaq il-bżonn li niktbu lill-Planning Authority biex ninfurmawhom dwar il-volum ta' ilmijiet li qed jinzel għal Triq Ġnien Imrik, minħabba li dan ma għandux fejn imur.

- Talab lis-Seg. Eżekuttiv biex jiġi vverifikat ma TM, il-possibilita' li ssir railing ma bankina fi triq 28ta' April, u dan għas-sigurta tar-residenta minħabba li hemm periklu. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li kkonsultat ma TM u ġiet infurmata li ma jistgħux jsiru railings mal-bankina minħabba li dawn ir-railings huma illegali. Min ipoġġi dawn it-tip ta' railings jidħol responsabbli għall-kull inċident li jista jsir. Is-Seg. Eżekuttiv se tieħu ritratt u tibgħat lil TM bil-miktub.

- Tiswija ta Bankina fi triq Kortoll. Se jibgħat l-indirizz lis-Seg. Eżekuttiv.

- L-Hajt ta' Triq l-Għejjun għandu bżonn jitranġa.

- Triq Parisott – Staqsa lis-Sindku għal żvilupp dwar dan. Is-Sindku nfurmah li kien tkellem mas-sidien, wasal għal ftehim u l-ħajt tranġa. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-Perit biex naraw jekk it-triq tistax tittranġa bic-ciment u jipprovdi stima.

- L-bżonn li jiġi ndirizzat n-nuqqas ta' bozoz fuq in-naħa tal-Mitħna. Staqsa lis-Sinku jekk kienx mar jevalwa l-post. Ġie deċiż li nitkellmu ma Inġinier u jsiru bozoz ġodda sabiex tiddawwal iż-żona.

- Semma l-bżonn li jitkaħħal il-ħajt tal-Belveder ta' Għajn Damma. Kien hemm qbil dwar dan.

**Mill-Kunsilliera Marion Portelli**

-Bżonn li jsir patching fi triq il-Knisja u bżonn li titnaddaf triq Għajn Wajtar;

- Talba lill Maltapost biex l-fergħa tinfetaħ aktar sikwit;

- Jinżabru s--siġar fi Triq l-Imqades

- Barmil żgħir biex jinbidel għal wieħed kbir;

- Stop sign imwaqqa fi Triq San Ġorġ Preca;

- Problema ta' rwejjaħ miż-żibel li qed jitpoġġa ħdejn ir-Rubbles Restaurant kif ukoll inkonvenjent li qed jikkawża lill-anzjani li ma jkunux jistgħu jużaw il-bankijiet li hemm fil-madwar.

- Ressqet suġġeriment sabiex il-Kunsill jagħti token lill-gradwati ġodda f'dik is-sena li jkunu gradwaw. Ġiet diskussa, l-importanza li ma jinqabeż ħadd u jsir avviż biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jirreġistraw mall-Kunsill. Kien hemm qbil li din tiġi kkunsidrata sabiex issir f'Jum ix-Xagħra.

Ġie diskuss il-bżonn urġenti li nsibu soluzzjoni sabiex jkollna r-riżorsi umani li jistgħu jwettqu xogħolijiet manwali bżonnjużi. Sakemm il-Kunsill jkun jista jasal għal stampa finanzjarja ċara, kien hemm qbil unanimu li għalissa jsir l-outsourcing li hemm bżonn biex ix-xogħol jkun jista jsir li jinkludi xogħol ta' knis. Il-Kunsill se jaħdem biex ifassal Pjan ta' Ħidma għas-sena 2025 u b'hekk jkun jista jippjana li joħroġ sejħiet għall-offerti kif ukoll possibilment vakanza għall-impjegati addizzjonali sabiex dawn ix-xogħolijiet jkunu jistgħu isiru. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat id-diffikultajiet li qedgħa issib biex tiġbor stampa ċara tas-sitwazzzjoni finanzjarja u biex tagħlaq is-sena 2023. Qeda tipprova tfittex biex issib truf u tifhem x'hemm pendenti u proġetti li huma diġa committed. Fakkret li hand-over ma ingħatatx u allura l-proċess bilfors irid jieħu ftit aktar fit-tul. Bħalissa l-aktar proċess importanti u urġenti huwa li jiġu finalizzati l-kotba finanzjarji tal-Kunsill, tingħalaq is-sena 2023 u jsiru l-preparamenti biex tingħalaq is-sena 2024 malajr kemm jista jkun. Is-Seg Eżekuttiv preċedenti offriet li twieġeb għal-mistoqsijiet li jkollha bżonn tibgħatilha.

**Mill-Kunsilliera Leanne Micallef**

-Ressqet il-proposta biex isir Belvedere fi Triq l-Għejjun.

- Bżonn li titranġa mera li tinsab man-naħa tal-Għejjun;

- Biex isir dog bin ir-Ramla;

- Bozza fi Triq Għajn Ħosna;

- talbet biex issir skeda ta' tindif;

- Nitolbu update lill-Ministru Għal Għawdex dwar il-proġett li kien ġie diskuss biex issir entrata sabiħa;

Sindku semma l-bżonn li nindirizzaw bankina għolja li qed tkun ta' *health hazard*. Kien hemm qbil sabiex din titbaxxa għaliex qed jaqgħu in-nies anzjani.

**8.11 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti;**

- Offerta mingħand Citadel Cinema għal Christmas Movie għat-tfal bi prezz ssusidjat ta' €4 għal kull persuna. Jrid jkun hemm mill-anqas mitt student. Se nitkellmu mas-Surmast tal-iskola pero l-problema min jista jmur magħhom.

- Offerta ta' xiri ta' Ponsietta mill-Community Chest Fund Foundation.

- Kwotazzjonijiet:

Partition u Bieb tal-Aluminium – Bieb - €931.02 u Partition-€2926.40 – Kien hemm qbil li għandu jsir sew il-bieb kif ukoll il-partition.

- Talba mingħand Alex Cutajar għal pubblikazzjoni ta' ktieb dwar toroq fix-Xagħra għall-ammont ta' €1764. Ġie deċiż li ninfurmawh li din it-talba se tiġi kkunsidrata aktar il-quddiem.

- Talba mingħand resident għal linji sofor fi Triq Gnien Imrik quddiem is-Sqaq minħabba li mhux ikun jista jaċċessa r-residenza tiegħu. Kien hemm qbil li napplikaw ma TM.

- Ittra mingħand Ing. Charlie Portelli dwar l-użu ta' ġenerators temporanji li kienu qed jiġu mqabbda mas-sistema elettrika tal-knisja. Infurmana li dan ma jistax jibqa jsir minħabba li qed jiġri l-ħsara lis-sistema elettrika tal-knisja. Il-Kunsill ħa nota ta' dan u kien hemm qbil li jsir electrode min naħa tal-Kunsill.

- Korrispondenza mingħand residenta fejn uriet it-tħassib dwar PA07600/24, kostruzzjoni li qed issir qrib Daħla ta' Għajn Meddew off Triq Marsalforn. Hi talbet sabiex il-Kunsill jgħin billi ma jagħtix permessi lill-vetturi ta' Kostruzzjoni li jitolbu pemess biex jaħdmu fl-istess sit. Irċivejna wkoll korrispondenza mingħand Perit Amadeo Mifsud li fija ukoll ura t-tħassib tiegħi dwar il-kostruzzjoni illegali kif ukoll għal nuqqasijiet li skond hu fih l- *Stop Notice* li tinsab imwaħħla fis-sit in kwistjoni. Din il-korrispondenza intbagħtet lill-membri kollha. Il-permessi li joħorġu mill-Kunsill jista jkun biss limitat a bażi ta' konġestjoni ta' traffiku. Il-Kunsill ma huwiex l-awtorita kompetenti sabiex jara min u għal xhiex qed jitlob il-permess biex jaħdem b'vetturi industrijali.

- Korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali, Divizjoni tal-Gvern Lokali dwar avviżi ta' traffiku u parkeġġ fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Infurmana li l-potr li jagħmel avviżi rigward sospensjoni tat-traffiku u perkeġġ fil-gazzetta tal-gvern huwa vestit esklussivament fil-Kummissarju tal-Pulizijia u fl-Awtorita' dwar it-Transport

Malta. Għalhekk ġejna mitluba sabiex b'effett immedjat ma jkunx hemm aktar talbiet għall-pubblikazjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

- Talba mingħand l-awtur Charles Bezzina sabiex il-Kunsill jixtri l-kotba dwar il-memorji ta' vittmi tal-gwerra minn kull lokalita f'Għawdex bl-isem – When the *'Siren Wailed.'*. Il-prezz ta' dawn il-kotba huwa ta' €15 -il wieħed. Kien hemm qbil li nżommuh f'moħħna meta nkunu bżonn nixtru xi kotba għal nies distinti.

- Imejl mingħand residenta dwar l-ilma li qed iżomm fi Triq ta' Gorf u l-inkonvenjenza li dan qed iġib miegħu, kif ukoll il-bżonn li t-triq imsemmija ssir *One way*. Talba mingħand residenta oħra fuq l-istess triq, fejn wara li kkomunikat ma TM, qed tressaq it-talba sabiex isir *Traffic Management* ħalli jkunu jistgħu jsiru l-*parking boxes*, etc.. Il-membri ħadu nota ta' dan u dan ix-xogħol se jsir wara li jsir it-triq.

- Korrispondenza minn TM dwar Parkeġġ Riservat personalizzat quddiem il-propjeta b'numru 91, Triq Santa Verna, Xagħra. Il-Kunsill ma sabx oġezzjoni.

- Imejl minn Reġjun Għawdex dwar opportunita għall-mużiċisti żgħażagħ li jixtiequ jipparteċipaw fil- 'European Youth Orchestra'. L-applikazzjonijiet jagħlqu fit-28ta' Novembru 2024. Il-membri ħadu nota ta' dan.

- Talba mingħand resident sabiex il-bozza tad-dawl li tagħti għal Sqaq Nenus tinbidel għal waħda ta' voltaġġ għola minħabba li mhix turi biżżejjed. Kien hemm qbil ma dawn.

- Korrispondenza mill-MGP bi stedina għal inizjattivi u attivitajiet relatati mal-Għid f' Għawdex. L-attivitajiet iridu jsiru bejn il-21ta' Marzu u l-Hadd, 20 ta' April 2025. Dan sabiex l-attivita' tiġi nkluża fi programm wieħed li jippublika l-Ministeru.

- Korrispondenza mingħand Xagħra United FC dwar talba sabiex il-Kunsill jgħin fl-ispejjeż relatati mat-trasport li sar b'rabta maż-żjara li t-tim għamel fis-Serbia f'Ottubru li għadda. *Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li talbiet għall-kollaborazzjoni għandhom isiru qabel ma ssir l-attivita' kif ukoll il-Kunsill għandu jkun rikonoxxut f'kull attivita' li fija huwa jikkolabora.* Il-Kunsill ħa nota ta' dan u ġie maqbul li nitolbu l-ammont li qed jintalab.

- Talba mingħand student li jattendi l-MCAST sabiex iwettaq xogħol volontarju fil-librerija għall-perjodu ta' għoxrin ġimgħa. Kien hemm qbil li għadna naċċettaw lill-istudenti.

- Korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li ma laqax it-talba tal-Kunsill sabiex nippruvaw nirrikupraw il-Fond ta' Aġġustament għas-sena 2023 u 2024. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Se jiġi ffirmat il-Kuntratt għal-Servizz ta' Perit mal-Perit Edward Scerri, Dan wara li l-Kunsill kien bagħat, l-*Award Letter* fl-10 ta' Ottubru 2024. Il-membri ħadu nota ta' dan.

- Kien hemm qbil li tinxtara Christmas tree kif ukoll toaster, u H2 only għall-uffiċċju amministrattiv.

- Arranġament – Nicolina Sultana u Marlene Bartolo se jwettqu xogħol relatat mad-Day Centre u jitħallsu bl-€8.50 għal kull siegħa. Kien hemm qbil unanimu ma dan.

- Tender – Triq Karkar – Is-Seg. Eżekuttiv ġiet infurmata li din it-tender għandha tiġi kkanċċellata.

- Kwotazzjonijiet – Gym classes – Qbil sabiex isiru żewġ classes minn Jannar 2025. Ġew ippreżentati l-istimi għal sistema ta' Sound fi Christmas Market. Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li nimxu dejjem mal-irħas skond il-*procurement regulations.* Kien hemm qbil li jinxtara s-software tal-HR u salarji kif ukoll isir li hemm bżonn biex ikollna sistema ta' *back up storage.*

- Kien hemm qbil li l-kontijiet bħal ma huma tal-Arms u tal-GO, jitħallsu mill-ewwel biex jiġu evitati charges.

- Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied issir f'data li għad trid tiġi deċiża f'Jannar 2025. Se jsir Christmas Party lill-ħaddiema fid-19ta' Diċembru 2024. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li se tkun qed tibgħatilhom kopja taċ-Ċirkulari li tistipula l-ammont li jista jiġi kopert mill-Kunsill għal dawn l-okkazjonijiet.

- Ġew ippreżentati Kontijiet tal-ilma li Xagħra United FC qed iressqu lill-Kunsill sabiex jitħallsu. Dawn jkopru spejjeż ta' konsum tal-ilma għal Playing Field. Qed jitolbu l-payment ta' €2503.72. Kien hemm qbil li dawn għandhom jitħallsu għaliex kienu spejjeż li għamilnihom aħna.

**8.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Approvati f'punt numru 8.3

**8.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-22.45pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2024 fl-16.30.

Konfermati illum il-Ħamis, 20 ta' Diċembru 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Victor John Curmi** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |